SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

13 ta' Frar 2020 *

"Appell – Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), Taqsima 'Garanzija', Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – Infiq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea – Infiq effettwat mir-Repubblika Ellenika – Regolament (KE) Nru 1782/2003 – Regolament (KE) Nru 796/2004 – Skema ta' għajnuna skont is-superfiċji – Kunċett ta' 'mergħat permanenti' – Korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa"

Fil-Kawża C-252/18 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-6 ta' April 2018,

Ir-Repubblika Ellenika, irrappreżentata minn G. Kanellopoulos, E. Leftheriotou, A. Vasilopoulou u E. Chroni, bħala aġenti,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-proċedura li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn D. Triantafyllou u A. Sauka, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn S. Jiménez García, bħala aġent,

intervenjent fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn S. Rodin, President tal-Awla, D. Šváby (Relatur) u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstemgħet l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, ir-Repubblika Ellenika titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Frar 2018, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-506/15, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2018:53), li permezz tagħha ċaħdet ir-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1119/UE tat-22 ta' Ġunju 2015 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 182, p. 39, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003

2 Il-premessi 3, 4, 21 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269) jistabbilixxu:

"(3) Biex ikun evitat l-abbandun ta' art agrikola u biex ikun żgurat li tkun miżmuma f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba, għandhom jiġu stabbiliti 'standards' li jistgħu jkollhom jew le il-bażi f'dispożizzjonijiet ta' l-Istati Membri. Hu għalhekk xieraq li jkun stabbilit qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jistgħu jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kondizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu ta' l-art, newba ta' l-uċuh tar-raba' ('crop rotation'), prattiċi ta' l-irziezet) u strutturi ta' l-irziezet.

(4) Billi l-mergħa permanenti għandha effett pożittiv ambjentali, hu xieraq li jkunu adottati miżuri biex jinkoraġixxu ż-żamma ta' mergħat permanenti eżistenti biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat.

[…]

(21) L-iskemi ta' appoġġ taħt il-politika agrikola komuni jipprovdu għal appoġġ permezz ta' dħul dirett b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien imparzjali għall-Komunità agrikola. Dan l-għan hu relatat mill-qrib mal-manteniment taż-żoni rurali. Biex tkun evitata l-misallokazzjoni tal-fondi tal-Komunità, l-ebda pagamenti m'għandhom isiru lill-bdiewa li artifiċjalment ħolqu l-kondizzjonijiet mitluba biex jinkisbu tali pagamenti.

[…]

(24) Tkabbir fil-kompetittività tal-agrikoltura tal-Komunità u l-promozzjoni tal-kwalità ta' l-ikel u ta' livelli ambjentali neċessarjament iġibu magħhom tnaqqis fil-prezzijiet istituzzjonali tal-prodotti agrikoli u żjieda fil-prezz tal-produzzjoni għall-azjendi agrikoli fil-Komunità. Biex jinkisbu dawn l-għanijiet u biex ikun hemm promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli u orjentata iktar lejn is-suq, hi neċessarja li tkun kompletata il-bidla mill-appoġġ lill-produzzjoni għall-appoġġ lill-produttur billi tiġi ntrodotta sistema ta' dħul separat għal kull razzett. Waqt li l-imsemmija separazzjoni ma tbiddilx l-ammont attwali li jitħallas lill-bdiewa, iżżid b'mod sinifikanti l-effikaċja tad-dħul f'forma ta' għajnuna. Hu għalhekk xieraq li l-pagament uniku lir-razzett ikun suġġett

għall-kondizzjoni li jkun hemm 'cross-compliance' ma' l-ambjent, sigurtà ta' l-ikel, saħħa u benesseri ta' l-annimali, kif ukoll il-manteniment tar-razzett f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba."

3 Dan ir-regolament kien jinkludi Titolu III, intitolat "Skema ta' pagament uniku", li fih kien hemm il-Kapitolu 3, dwar "[d]rittijiet ta' pagament". Is-Sezzjoni 1 ta' dan il-kapitolu, dwar id-"[d]rittijiet għall-pagament ibbażati fuq iż-żoni", kien jinkludi l-Artikolu 43 tal-imsemmi regolament, intitolat "Determinazzjoni tad-drittijiet għall-pagament", u li jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 48, bidwi għandu jirċievi dritt għall-pagament għal kull ettaru li jiġi kalkulat bid-diviżjoni ta' l-ammont ta' referenza bil-medja ta' tlett snin tan-numru ta' ettari kollha li fil-perjodu ta' referenza taw id-dritt għall-pagamenti diretti mniżżla fl-Anness VI.

In-numru totali ta' drittjiet għall-pagament għandu jkun ugwali għan-numru medju ta' ettari fuq imsemmi.

[…]

2. In-numru ta' ettari msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi wkoll:

[…]

(b) iż-żona kollha għall-għalf fil-perjodu ta' referenza.

3. Għall-iskop tal-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu, 'żona għall-għalf' tfisser iż-żona ta' l-azjenda li matul is-sena kalendarja hi disponibbli, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 [tal-11 ta' Diċembru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3508/92 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 34, p. 308)], għat-trobbija ta' l-annimali inklużi żoni użati għal iktar minn skop wieħed u żoni li kienu suġġetti għall-kultivazzjoni mħallta. Iż-żona għall-għalf m'għandhix tinkludi:

– bini, imsaġar, għadajjar, mogħdijiet,

[…]"

4 L-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003, dwar "[u]żu ta' drittijet għall-pagament" jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"'Ettaru eliġibbli' ifisser kull żona agrikola ta' l-azjenda meħuda minn art li tinħarat u mergħa permanenti ħlief żoni kkultivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli."

Ir-Regolament Nru 796/2004

5 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-modulazzjoni u tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' verifika li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 73/2009, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità li dwarha hemm dispożizzjoni fir-Regolament tal-Kunsill

(KE) Nru 479/2008 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 380/2009 tat-8 ta' Mejju 2009 (ĠU 2009, L 116, p. 9) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 796/2004"), kien redatt kif ġej:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-tifsiriet li ġejjin għandhom jgħoddu:

[…]

(1a) 'pakkett agrikolu': tfisser żona kontinwa ta' art li fiha jiġi kkultivat grupp wieħed ta' uċuħ tar-raba' minn bidwi wieħed; madankollu, fejn fil-kuntest ta' dan ir-Regolament tkun meħtieġa dikjarazzjoni separata dwar l-użu ta' l-art fi ħdan grupp ta' uċuħ tar-raba', dak l-użu speċifiku għandu jillimita iżjed il-pakkett agrikolu;

[…]

(2) 'Mergħa permanenti': għandha tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix b'mod naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuh tar-raba' tal-azjenda għal ħames snin jew aktar, minbarra art li taqa' fi ħdan l-iskemi għas-serħan tal-artijiet skont l-Artikolu 107(6) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, żoni mserrħin skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2078/92 [tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar metodi ta' produzzjoni agrikola kompatibbli mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u ż-żamma tal-kampanja (ĠU 1992, L 215, p. 85)], żoni mserrħin skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 [tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 391)] u żoni mserrħin skont l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 [tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2010, L 286M, p. 26, rettifika fil-ĠU 2012, L 206, p. 23)];

(2a) 'ħxejjex jew foraġġ ieħor erbaċew': għandha tfisser il-pjanti kollha erbaċej li tradizzjonalment jinsabu f'mergħat naturali jew li normalment ikunu inklużi f'taħlitiet ta' żrieragħ għall-mergħat jew meded ta' art miżrugħa fl-Istat Membru (kemm jekk użati jew le għall-annimali li jirgħu). L-Istati Membri jistgħu jinkludu għelejjel elenkati fl-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

[…]"

6 F'dan ir-rigward, il-premessa 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 239/2005 tal-11 ta' Frar 2005 (ĠU 2008, L 348M, p. 61, rettifika fil-ĠU 2009, L 84M, p. 41), li emenda r-Regolament Nru 796/2004 fil-verżjoni inizjali tiegħu, kienet tistabbilixxi:

"L-Artikolu 2 tar-Regolament […] Nru 796/2004 jinkludi bosta definizzjonijiet li jeħtieġu kjarifika. B'mod partikolari, id-definizzjoni 'mergħa permanenti' fil-punt 2 ta' dak l-Artikolu teħtieġ kjarifika u jinħtieġ li tkun introdotta definizzjoni tat-terminu 'ħxejjex jew foraġġ ieħor erbaċew'. Madankollu, f'dak il-kuntest għandu jiġi kkunsidrat li l-Istati Membri jeħtieġu ċerta flessibilità sabiex ikunu jistgħu jqisu l-kondizzjonijiet agronomiċi lokali."

7 L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 796/2004, intitolat "Prinċipji ġenerali fir-rigward ta' pakketti agrikoli" kien jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, ħabel agrikolu li jkun fih is-siġar għandu jitqies bħala erja eliġibbli għall-finijiet tal-iskemi ta' għajnuna relatati mal-erja, dejjem jekk l-attivitajiet agrikoli jew, fejn applikabbli, il-produzzjoni prevista tkun tista' titwettaq b'mod simili għal dawk il-ħbula fl-istess erja li ma fihomx siġar."

8 It-Titolu III tar-Regolament Nru 796/2004, dwar il-"[k]ontrolli", jinkludi l-Artikolu 27 tiegħu, intitolat "Għażla tal-kampjun tal-kontroll". Il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jiddisponi:

"Il-kampjuni ta' kontroll għall-verifiki fuq il-post taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu magħżula mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u tar-rappreżentattività ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna li jkunu ġew sottomessi. L-effikaċja ta' l-analiżi tar-riskju għandha tiġi evalwata u aġġornata fuq bażi annwali billi:

(a) tiġi stabbilita r-rilevanza ta' kull fattur ta' riskju;

(b) jiġu pparagunati r-riżultati tal-kampjun ibbażat fuq ir-riskju aleatorju msemmi fit-tieni subparagrafu;

(ċ) tiġi kunsidrata s-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.

Biex jiġi provdut għall-elkement tar-rappresentanza, l-Istati Membri għandhom jagħżlu kif jiġi jiġi bejn 20 % u 25 % tan-numru minimu ta' bdiewa li għandhom ikunu suġġetti għall-verifiki fuq il-post kif provdut fl-Artikolu 26(1) u (2).

[…]"

9 Taħt l-istess Titolu III kien jinsab l-Artikolu 30 ta' dan ir-regolament, intitolat "Stabbiliment ta' żoni". Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu:

"[L-erja totali tal-ħabel agrikolu tista' titqies sakemm hi tintuża b'mod sħiħ skont l-istandards tas-soltu tal-Istat Membru jew tar-reġjun konċernat. F'każijiet oħra għandha titqies l-erja attwalment utilizzata.

F]ir-rigward tar-reġjuni fejn ċerti fatturi, b'mod partikolari sisien tal-ħaxix, ħniedaq u ħitan huma tradizzjonalment parti mill-prattiċi ta' agrikoltura tajba għall-uċuh tar-raba jew utilizzazzjoni, l-Istati membri jistgħu jiddeċiedu li ż-żona li tikkorrispondi għandhom jitqiesu bħala parti miż-żona utilizzata kollha kemm hi bil-kondizzjoni li majisbqux wisa' totali li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri. Dik il-wisa' għandha tikkorrispondi mal-wisa' tradizzjonali fir-reġjun in kwistjoni u ma għandhiex tisboq iż-żewġ metri.

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005

10 Taħt it-Titolu IV, intitolat "Approvazzjoni tal-kontijiet u monitoraġġ mill-kummissjoni", tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU 2005, L 209, p. 1), kien hemm inkluż l-Artikolu 31 ta' dan tal-aħħar, intitolat "Approvazzjoni tal-konformità". Il-paragrafi (2) u (4) ta' dan l-artikolu huma fformulati kif ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-ammonti li jridu jiġu esklużi abbażi tal-gravità tan-nuqqas ta' konformità reġistrat. Hija għandha tieħu kont xieraq tan-natura u l-gravità tal-vjolazzjoni u tad-dannu finanzjarju kkawżat lill-Komunità.

3. Qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni sabiex jiġi rrifjutat finanzjament, ir-riżultati tal-ispezzjoni mill-Kummissjoni u t-tweġibiet mill-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati bil-miktub, u wara dan, iż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaslu għal qbil dwar l-azzjoni li trid tittieħed.

Jekk ma jintlaħaqx qbil, l-Istat Membru jista' jitlob proċedura mmirata lejn ir-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjoni ta' kull parti fi żmien erba' xhur. Rapport tar-riżultat tal-proċedura għandu jingħata lill-Kummissjoni, li għandha teżaminah qabel ma tiddeċiedi dwar kwalunkwe rifjut għall-finanzjament.

4. Il-finanzjament ma jistax jiġi rifjutat għal:

(a) l-infiq kif indikat fl-Artikolu 3(1) li jitwettaq aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel ma l-Kummissjoni tinnotifika lill-Istat Membru bil-miktub dwar ir-riżultati tal-ispezzjoni tagħha;

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 885/2006

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni ta' l-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR (ĠU 2008, L 322M, p. 162), kien jinkludi l-Artikolu 11, intitolat "L-approvazzjoni tal-konformità". Dan l-artikolu kien jiddisponi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"1. Fejn, minħabba kwalunkwe stħarriġ, il-Kummissjoni tqis li l-infiq ma sarx skond ir-regoli Komunitarji, hija għandha tikkomunika s-sejbiet tagħha lill-Istat Membru kkonċernat u għandha tindika l-miżuri korrettivi meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità futura ma' dawk ir-regoli.

Il-komunikazzjoni għandha tagħmel riferenza għal dan l-Artikolu. L-Istat Membru għandu jirrispondi fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-komunikazzjoni u l-Kummissjoni tista' timmodifika l-pożizzjoni tagħha b'konsegwenza ta' dan. F'każijiet iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' taqbel li testendi l-perjodu għar-risposta.

Wara li jiskadi l-perjodu għar-risposta, il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa bilaterali u ż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu ftehim dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kif ukoll dwar l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur u tad-dannu finanzjarju kkawżat lill-baġit Komunitarju.

2. Fi żmien xahrejn mid-data meta jiġu riċevuti l-minuti tal-laqgħa bilaterali msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu jikkomunika kwalunkwe informazzjoni mitluba matul dik il-laqgħa jew kwalunkwe informazzjoni oħra li jqis li tkun utli għall-eżami li jkun għaddej.

F'każijiet iġġustifikati, il-Kummissjoni, fuq talba raġunata ta' l-Istat Membru, tista' tawtorizza estensjoni għall-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu. It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni qabel ma jiskadi dak il-perjodu.

Wara li jiskadi l-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tikkomunika formalment il-konklużjonijiet tagħha lill-Istat Membru fuq il-bażi ta' l-informazzjoni riċevuta fil-qafas tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità. Il-komunikazzjoni għandha tevalwa l-infiq li l-Kummissjoni qed tipprevedi li se teskludi mill-finanzjament Komunitarju skond l-Artikolu 31 tar-Regolament [Nru 1290/2005] u għandha tagħmel riferenza għall-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-miżuri korrettivi li jkun ħa biex jiżgura l-konformità mar-regoli Komunitarji u bid-data effettiva ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

Wara li tkun eżaminat kwalunkwe rapport imħejji mill-Korp ta' Konċiljazzjoni skond il-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta, jekk ikun meħtieġ, deċiżjoni waħda jew aktar skond l-Artikolu 31 tar-Regolament [Nru 1290/2005] sabiex teskludi mill-finanzjament Komunitarju l-infiq li sar minħabba n-nuqqas ta' konformità mar-regoli Komunitarji sakemm l-Istat Membru jkun effettivament implimenta l-miżuri korrettivi.

Meta tevalwa l-infiq li għandu jiġi eskluż mill-finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni tista' tqis kwalunkwe informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru wara li jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2, jekk dan ikun meħtieġ għal stima aħjar tad-dannu finanzjarju kkawżat lill-baġit Komunitarju, sakemm it-trażmissjoni tard ta' l-informazzjoni tkun iġġustifikata minn ċirkostanzi eċċezzjonali.

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009

12 Il-premessi 7 u 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7), jistabbilixxu:

"(7) Ir-Regolament [Nru 1782/2003], irrikonoxxa l-effett ambjentali pożittiv ta' mergħat permanenti. Il-miżuri f'dak ir-Regolament li immirati biex tkun imħeġġa l-manutenzjoni ta' mergħat permanenti eżistenti biex jiġi żgurat kontra konverżjoni massiva f'art li tinħarat għandhom jinżammu.

[…]

(23) L-esperjenza tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku turi li l-appoġġ ta' dħul diżakkoppjat f'għadd ta' każijiet ingħata lil benefiċjarji li l-attivitajiet agrikoli tagħhom iffurmaw biss parti insinifikanti mill-attivitajiet ekonomiċi globali tagħhom jew li l-mira tal-kummerċ tagħhom ma kienx immirat għat-twettiq ta' attività agrikola jew il-mira kienet waħda marġinali biss. Sabiex jiġi evitat li l-appoġġ ta' dħul agrikolu jiġi allokat lil benefiċjarji bħal dawn, u biex jiġi żgurat li l-użu tal-appoġġ Komunitarju ikun kompletament għall-assigurazzjoni ta' livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, l-Istati Membri għandhom jingħataw is-setgħa, fejn isseħħ tali allokazzjoni, li jastjenu milli jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn taħt dan ir-Regolament."

13 Ir-Regolament Nru 73/2009 kien jinkludi Titolu II, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-pagamenti diretti", li fih kien jinsab Kapitolu 4 dwar "[s]isema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll". Dan il-kapitolu kien jinkludi l-Artikolu 19, intitolat "Applikazzjonijiet għal għajnuna", li l-paragrafu 1 tiegħu kien jiddisponi:

"Kull sena, bidwi għandu jippreżenta applikazzjoni għal pagamenti diretti filwaqt li jindika, fejn hu applikabbli:

(a) il-ħbula agrikoli kollha fl-impriża, u fejn l-Istat Membru jkun qed japplika l-Artikolu 15(3), l-għadd ta' siġar taż-żebbuġ u l-pożizzjoni tagħhom fil-ħabel;

(b) id-drittjiet għall-pagamenti ddikjarati għal attivazzjoni;

(c) kull informazzjoni oħra pprovduta b'dan ir-Regolament jew mill-Istat Membru kkonċernat.

[…]"

14 Taħt it-Titolu III, intitolat "Skema ta' pagament uniku", ta' dan ir-regolament kien jinsab l-Artikolu 34 tiegħu, dwar l-"[a]ttivazzjoni ta' drittijiet għal pagament għal kull ettaru eliġibbli". Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu:

"Għall-finjiet ta' dan it-Titolu, 'ettaru eliġibbli' għandha tfisser:

(a) kwalunkwe erja agrikola tal-azjenda, u kwalunkwe erja mħawla bi msaġar ta' rotazzjoni qasira […] użata għal attività agrikola […]; u

(b) kwalunkwe erja li tat dritt għal pagament taħt l-iskema ta' pagament uniku jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja fl-2008 u li

[…]

(ii) għad-durata tal-impenn rilevanti tal-bidwi individwali, hija afforestata skont l-Artikolu 31 tar-Regolament [Nru 1257/1999] jew għall-Artikolu 43 tar-Regolament [tal-Kunsill] (KE) Nru 1698/2005 [tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2010, L 286M, p. 26, rettifika fil-ĠU 2012, L 206, p. 23),] jew taħt skema nazzjonali li l-kondizzjonijiet tagħha jikkonformaw mal-Artikolu 43(1), (2) u (3) ta' dak ir-Regolament, […]

[…]"

15 Intitolat "Konferma tad-drittijiet għal pagamenti", l-Artikolu 137 tar-Regolament Nru 73/2009 kien jinsab fil-Kapitolu 1, intitolat "Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni", tat-Titolu VII ta' dan ir-regolament. Dan l-artikolu kien jaqra kif ġej:

"1. Id-drittijiet għal pagamenti allokati lill-bdiewa qabel l-1 ta' Jannar 2009 għandhom jitqiesu bħala legali u regolari sa mill-1 ta' Jannar 2010.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal pagamenti diretti allokati lil bdiewa abbażi ta' applikazzjonijiet fattwali inkorretti ħlief f'każijiet fejn l-iżball ma setax ikun raġonevolment misjub mill-bidwi.

3. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika s-setgħa tal-Kummissjoni li tieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament [Nru 1290/2005] dwar infiq li jkun sar fir-rigward ta' kwalunkwe sena kalendarja sal-2009 inkluża."

Ir-Regolament (KE) Nru 1120/2009

16 L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2009, L 316, p. 1), kien redatt kif ġej:

"Għall-finijiet tat-Titolu III tar-Regolament [Nru 73/2009] u ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

(c) 'mergħat permanenti' tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża għal ħames snin jew aktar, minbarra art imserrħa skont ir-Regolament [Nru 2078/92], art imserrħa skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament [Nru 1257/1999] u art imserrħa skont l-Artikolu 39 tar-Regolament [Nru 1698/2005]; u għal dan l-iskop, 'ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix naturali' tfisser il-pjanti erbaċej kollha li tradizzjonalment jinsabu f'mergħat naturali jew huma normalment inklużi f'taħlitiet ta' żrieragħ għal mergħat jew imraġ fl-Istat Membru (kemm jekk jintużaw biex jirgħu l-annimali jew le). L-Istati Membri jistgħu jinkludu uċuħ ta' raba' li jinħarat elenkati fl-Anness I;

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 1122/2009

17 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65, rettifika fil-ĠU 2009, L 246, p. 3), kien jinkludi Titolu II dwar "[a]pplikazzjonijiet għall-għajnuna". Taħt dan it-titolu, il-Kapitolu I ta' dan tal-aħħar, dwar "[a]pplikazzjoni unika", kien jinkludi l-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, intitolat "Data tal-preżentata tal-applikazzjoni unika". Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu:

"L-applikazzjoni unika għandha tiġi ppreżentata sa data li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri u li ma għandhiex tkun aktar tard mill-15 ta' Mejju. Madankollu, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Finladja u l-Iżvezja jistgħu jiffissaw data aktar tard li ma għandhiex tkun aktar tard mill-15 ta' Ġunju.

[…]"

18 L-Artikolu 31 tal-imsemmi regolament kien jirrigwarda l-"[g]ħażla tal-kampjun tal-kontroll" u kien jiddisponi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Il-kampjuni tal-kontroll għall-verifiki fuq il-post skont dan ir-Regolament għandhom jiġu jintgħażlu mill-awtorità kompetenti abbażi ta' analżi tar-riskju u tal-kwalità rappreżentattiva tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna ppreżentati.

Biex ikun provdut l-element tal-kwalità rappreżentattiva, l-Istati Membri għandhom jagħżlu b'mod każwali bejn 20 % u 25 % tal-għadd minimu ta' bdiewa li għandhom ikunu soġġetti għall-verifiki fuq il-post kif provdut fl-Artikolu 30(1) u (2).

Madankollu, jekk l-għadd ta' bdiewa li se jkunu soġġetti għall-verifiki fuq il-post jaqbeż l-għadd minimu ta' bdiewa li għandhom ikunu soġġetti għall-verifiki fuq il-post kif previst fl-Artikolu 30(1) u (2), il-perċentwal ta' bdiewa magħżula b'mod każwali fil-kampjun addizzjonali ma għandux jaqbeż il-25 %.

2. L-effettività tal-analiżi tar-riskju għandha tiġi valutata u aġġornata fuq bażi annwali:

(a) billi tiġi stabbilita r-relevanza ta' kull fattur ta' riskju;

(b) billi jitqabblu r-riżultati tal-kampjun ibbażat fuq ir-riskju u dak magħżul b'mod każwali kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1;

(ċ) billi titqies is-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru."

19 L-Artikolu 34 tal-istess regolament, intitolat "Determinazzjoni tal-erjas", kien jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 4 tiegħu:

"2. L-erja totali tal-ħabel agrikolu tista' titqies sakemm hi tintuża b'mod sħiħ skont l-istandards tas-soltu tal-Istat Membru jew tar-reġjun konċernat. F'każijiet oħra għandha titqies l-erja attwalment utilizzata.

Fir-rigward tar-reġjuni fejn ċerti karatteristiċi, partikolarment is-sisien tal-ħaxix, il-fosos u l-ħitan, huma tradizzjonalment parti mill-prattiki għal kultivazzjoni jew utilizzazzjoni agrikola tajbin, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-erja korrispondenti għandha titqies bħala parti mill-erja utilizzata b'mod sħiħ bil-kundizzjoni li ma taqbiżx il-wisa' totali li għandha tiġi ddeterminata mill-Istati Membri. Dik il-wisa' għandha tikkorrispondi mal-wisa' tradizzjonali fir-reġjun konċernat u ma għandhiex taqbeż 2 metri.

[…]

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34(2) tar-Regolament [Nru 73/2009], ħabel agrikolu li jkun fih is-siġar għandu jitqies bħala erja eliġibbli għall-finijiet tal-iskemi ta' għajnuna relatati mal-erja, dejjem jekk l-attivitajiet agrikoli jew, fejn applikabbli, il-produzzjoni prevista tkun tista' titwettaq b'mod simili għal dawk il-ħbula fl-istess erja li ma fihomx siġar."

20 Intitolat "Elementi tal-verifiki fuq il-post", l-Artikolu 53 tar-Regolament Nru 1122/2009 kien jiddisponi, fil-paragrafu 6 tiegħu:

"Il-verifiki fuq il-post relatati mal-kampjun previst fl-Artikolu 50(1) għandhom jitwettqu fl-istess sena kalendarja li fiha ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għall-għajnuna."

Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013

21 L-Artikolu 4(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7), fil-verżjoni inizjali tiegħu, jistabbilixxi d-definizzjoni li ġejja:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(b) 'bwar permanenti u mergħat permanenti', (flimkien imsemmija 'bwar permanenti') tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża għal ħames snin jew iktar; tista' tinkludi speċi oħra, bħal arbuxelli u/jew siġar li jista' jsir ir-ragħa fuqhom dment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti kif ukoll, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, art li tista' tintuża għar-ragħa u li hija parti minn prattiki lokali stabbiliti, fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor mhumiex tradizzjonalment predominanti f'erjas tar-ragħa".

22 Din id-dispożizzjoni, kif emendata bir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 (ĠU 2017, L 350, p. 15), hija fformulata kif ġej:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(h) 'bur permanenti u mergħat permanenti' (flimkien imsemmija 'bur permanenti') tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża għal ħames snin jew aktar, kif ukoll, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet għal ħames snin jew aktar; tista' tinkludi speċijiet oħra bħal arbuxelli u/jew siġar tajbin għar-ragħa u, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal arbuxelli u/jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, dment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jikkunsidraw bħala bur permanenti:
   (i) art li tista' tintuża għar-ragħa u li tifforma parti minn prattiki lokali stabbiliti fejn ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor huma tradizzjonalment mhux predominanti fiż-żoni tar-ragħa; u/jew
   (ii) art li tista' tintuża għar-ragħa fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor mhumiex predominanti jew huma assenti f'żoni tar-ragħa".

Il-fatti li wasslu għall-kawża

23 Bejn ix-xhur ta' Ġunju 2010 u ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni pproċediet għal żewġ sensiliet ta' investigazzjonijiet dwar l-infiq effettwat mir-Repubblika Ellenika minħabba, minn naħa, għajnuna skont is-superfiċji għas-snin ta' talba 2009 sa 2011 u, min-naħa l-oħra, skont is-sistema ta' kundizzjonalità għal dawn l-istess snin ta' talba.

24 Wara dawn l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha lir-Repubblika Ellenika, permezz ta' ittra tal-24 ta' Novembru 2011, konformement mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 885/2006 (iktar 'il quddiem l-"ewwel komunikazzjoni tal-24 ta' Novembru 2011"). Dan l-Istat Membru wieġeb għaliha fl-24 ta' Jannar 2012.

25 Fir-rigward tal-għajnuna skont is-superfiċji, wara l-ewwel komunikazzjoni tal-24 ta' Novembru 2011 u tat-tweġibiet mogħtija mir-Repubblika Ellenika, saret laqgħa bilaterali fit-23 ta' Mejju 2013. Fl-14 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni bagħtet il-konklużjonijiet tagħha lir-Repubblika Ellenika, li din tal-aħħar wieġbet għalihom fid-19 ta' Settembru 2013.

26 Permezz ta' ittra tat-18 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Ellenika bil-proposta tagħha li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ammont ta' EUR 302 577 561.08 minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-applikazzjoni tas-sistema tal-għajnuna skont is-superfiċji għar-regoli tal-Unjoni għas-snin ta' talba 2009 sa 2011.

27 Permezz ta' ittra tat-8 ta' April 2014, ir-Repubblika Ellenika rrinvijat il-kawża lill-Korp ta' Konċiljazzjoni, li ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Ottubru 2014.

28 Fis-27 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-pożizzjoni finali tagħha li permezz tagħha hija pproponiet li teskludi mill-finanzjament ammont finali gross li kien jammonta għal EUR 313 483 531.71.

29 Fir-rigward tas-sistema ta' kundizzjonalità, wara l-ewwel komunikazzjoni tal-24 ta' Novembru 2011 u tat-tweġibiet mogħtija mir-Repubblika Ellenika, dan kien ukoll is-suġġett tal-laqgħa bilaterali tat-23 ta' Mejju 2013, imsemmija fil-punt 25 ta' din is-sentenza. Fl-14 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni bagħtet il-konklużjonijiet tagħha lir-Repubblika Ellenika, li din tal-aħħar wieġbet għalihom fit-13 ta' Novembru 2013.

30 Permezz ta' ittra tal-1 ta' April 2014, ir-Repubblika Ellenika rreferiet ukoll il-kawża lill-Korp ta' Konċiljazzjoni, li ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Settembru 2014.

31 Fl-4 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-pożizzjoni finali tagħha li permezz tagħha hija pproponiet li teskludi mill-finanzjament ammont finali gross li kien jammonta għal EUR 16 060 573.95.

32 Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, adottata fit-22 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni applikat korrezzjonijiet b'rata fissa għas-snin ta' talba 2009 sa 2011 u li jammontaw għal EUR 302 577 561.08 nett, fir-rigward tal-għajnuna diretta skont is-superfiċji, kif ukoll fl-ammont ta' EUR 15 383 972.53 nett għal dak li jirrigwarda s-sistema ta' kundizzjonalità.

33 Il-Kummissjoni ġġustifikat l-impożizzjoni tal-korrezzjonijiet b'rata fissa għar-raġunijiet esposti fir-rapport fil-qosor mehmuż mad-deċiżjoni kontenzjuża u li jinsabu fil-punti 16 sa 34 tas-sentenza appellata.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

34 B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Awwissu 2015, ir-Repubblika Ellenika ppreżentat rikors għal annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża billi invokat, essenzjalment, sitt motivi.

35 L-ewwel żewġ motivi kienu jirrigwardaw il-korrezzjoni ta' 25 % imposta għan-nuqqasijiet fid-definizzjoni u fil-kontroll tal-mergħat permanenti u kienu bbażati rispettivament, għall-ewwel wieħed, fuq interpretazzjoni u fuq applikazzjoni żbaljata tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004, kif ukoll tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 1120/2009, u, għat-tieni wieħed, minn interpretazzjoni kif ukoll minn applikazzjoni żbaljata tad-Dokument tal-Kummissjoni VI/5330/97, tat-23 ta' Diċembru 1997, intitolat "Linji gwida li jikkonċernaw il-kalkolu tal-konsegwenzi finanzjarji fil-preparazzjoni tad-deċiżjoni ta' clearance tal-kontijiet tal-FAEGG-Garanzija" (iktar 'il quddiem id-"Dokument VI/5330/97"), fir-rigward tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' impożizzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 25 %, fuq nuqqas ta' motivazzjoni, fuq qbiż tal-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni kif ukoll fuq ksur simultanju tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

36 It-tielet motiv kien ibbażat fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tad-Dokument VI/5330/97 fir-rigward tal-impożizzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 5 %, fuq qbiż tal-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni kif ukoll fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

37 Ir-raba' motiv kien jikkonċerna interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 1122/2009 u tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 796/2004, kif ukoll ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.

38 Il-ħames u s-sitt motivi kienu jirrigwardaw is-sistema ta' kundizzjonalità u kienu bbażati, fir-rigward tal-ħames motiv, fuq interpretazzjoni u fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 885/2006 kif ukoll tal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005, fuq motivazzjoni insuffiċjenti u fuq żball ta' evalwazzjoni dwar il-korrezzjoni b'rata fissa ta' 2 % għas-sena ta' talba 2011 u, fir-rigward tas-sitt motiv, fuq il-ksur tal-Artikoli 266 u 280 TFUE, dwar l-obbligu tal-Kummissjoni li tieħu

l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-6 ta' Novembru 2014, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-632/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:934), u fuq nuqqas ta' motivazzjoni dwar in-nuqqas ta' rimbors tas-somma ta' EUR 10 460 620.42 lir-Repubblika Ellenika, wara din is-sentenza.

39 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

40 Ir-Repubblika Ellenika titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

41 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell bħala infondat. Hija titlob ukoll li r-Repubblika Ellenika tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

42 Ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

43 Insostenn tal-appell tagħha, ir-Repubblika Ellenika tinvoka ħames aggravji. L-ewwel żewġ aggravji jirrigwardaw il-korrezzjoni finanzjarja ta' 25 % applikata għall-għajnuna fuq is-superfiċji għall-mergħat. It-tielet aggravju jirrigwarda korrezzjoni finanzjarja ta' 5 % applikata għal lakuni fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula għas-sena ta' talba 2009. Ir-raba' aggravju jirrigwarda korrezzjoni finanzjarja ta' 2 % minħabba n-nuqqas ta' effikaċja tal-analiżi tar-riskji abbażi tas-sena ta' talba 2010. Il-ħames aggravju jirrigwarda l-korrezzjoni finanzjarja ta' 2 % għas-sena ta' talba 2011 abbażi tal-kundizzjonalità.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

44 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, ir-Repubblika Ellenika tilmenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat, fil-punti 49 sa 84 tas-sentenza appellata, il-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004 kif ukoll l-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 1120/2009, li jistabbilixxu d-definizzjoni ta' "mergħat permanenti", u li naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, skont l-Artikolu 296 TFUE.

45 Ir-Repubblika Ellenika tikkontesta lill-Qorti Ġenerali li qieset, fil-punti 55, 56, 68 u 74 tas-sentenza appellata, kriterju żbaljat relatat mat-tip ta' veġetazzjoni li tkopri s-superfiċji meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina jekk dawn is-superfiċji kinux jikkostitwixxu "mergħat permanenti", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali llimitat il-klassifikazzjoni ta' "mergħat permanenti" għas-superfiċji miksija bil-ħaxix jew forağġ ieħor erbaċew, bl-esklużjoni tas-superfiċji miksija b'arbuxelli u b'veġetazzjonijiet għudija, li jikkaratterizzaw il-mergħat imsejħa "ta' tip Mediterranju". Issa, skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kellha tuża kriterju ieħor li permezz tiegħu jikkostitwixxu "mergħat permanenti" tas-superfiċji li jaqgħu taħt prattiki lokali stabbiliti, li huma

tradizzjonalment użati għall-mergħa u li fihom il-ħaxix u l-foraġġ erbaċew ma jippredominawx. Barra minn hekk, il-predominanza fuq is-superfiċji inkwistjoni ta' veġetazzjoni tat-tip għudin ma tistax isservi bħala indikazzjoni ta' abbandun ta' attivitajiet agrikoli.

46 Skont ir-Repubblika Ellenika, din l-interpretazzjoni hija awtorizzata mill-kliem tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004, kif ukoll mill-kuntest u l-għanijiet imfittxija minn dan ir-regolament. Hija tenfasizza għalhekk li din l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "mergħat permanenti" tirriżulta kemm mill-Artikolu 4(1)(h) tar-Regolament Nru 1307/2013 kif ukoll mill-gwida intiża sabiex tipprovdi lill-Istati Membri b'linji gwida dwar l-aħjar modi ta' kif għandhom jiġu osservati d-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ relatati mal-politika agrikola komuni (PAK), ippubblikata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni, fit-2 ta' April 2008, kif ukoll mill-pjan ta' azzjoni, elaborat f'Ottubru 2012, mill-awtoritajiet Elleniċi b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, li tinkludi l-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tal-mergħat permezz tal-interpretar ta' ritratti ta' immaġni satellitari fil-livell tal-ħbula ta' referenza (unità) u l-applikazzjoni ta' sistema ta' kalkolu proporzjonali (*pro rata*) fil-każijiet fejn jeżistu arbuxelli mifruxa (iktar 'il quddiem il-"pjan ta' azzjoni tal-2012").

47 Insostenn ta' dan l-argument, ir-Renju ta' Spanja essenzjalment isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-kriterju rilevanti kien it-tip ta' veġetazzjoni preżenti fuq is-superfiċji inkwistjoni u billi sussegwentement wettqet l-eżami tagħha fir-rigward ta' dan il-kriterju. Skont dan l-Istat Membru, il-kriterju rilevanti ma huwiex ibbażat fuq it-tip ta' veġetazzjoni preżenti fuq din is-superfiċji, iżda fuq l-użu agrikolu effettiv ta' din tal-aħħar.

48 Il-Kummissjoni tipproponi li dan l-aggravju jiġi miċħud bħala infondat. Din l-istituzzjoni hija tal-fehma li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat korrettament il-kunċett ta' "mergħat permanenti", li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004 kif ukoll fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 1120/2009. Minn din id-definizzjoni kien jirriżulta li l-kriterju marbut man-natura tal-veġetazzjoni li tkopri s-superfiċji agrikola kkonċernata kien determinanti. Barra minn hekk, la l-linji gwida msemmija fil-punt 46 ta' din is-sentenza, la dan il-pjan ta' azzjoni tal-2012, u lanqas ir-Regolament Nru 1307/2013, applikabbli sa mill-1 ta' Jannar 2015, u li fih definizzjoni estiża tal-kunċett ta' "mergħat permanenti" ma kienu rilevanti għall-interpretazzjoni tad-dritt applikabbli fil-mument tal-fatti tal-kawża kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja deċiża mill-Kummissjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

49 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, ir-Repubblika Ellenika essenzjalment tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "mergħat permanenti" fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004, kif ukoll tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 1120/2009, billi kkonstatat, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, li jaqgħu taħt dan il-kunċett is-superfiċji miksija bil-ħaxix u foraġġ ieħor erbaċew, filwaqt li huma esklużi ż-żoni miksija bi pjanti għudin jew imsaġġra, karatteristiċi tal-mergħat imsejħa "ta' tip Mediterranju". Fil-fatt, skont ir-Repubblika Ellenika, il-kriterju li jirrigwarda n-natura tal-veġetazzjoni li tkopri s-superfiċji agrikola kkonċernata ma huwiex determinanti fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-"mergħat permanenti".

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 1120/2009 jinkludi definizzjoni tal-kunċett ta' "mergħat permanenti" f'termini simili ħafna għal dawk użati fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004. Min-naħa l-oħra, mis-sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, (C-341/17 P, EU:C:2019:409), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "mergħat permanenti" li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004, jirriżulta li l-kriterju determinanti fir-rigward tad-definizzjoni ta' "mergħat permanenti" ma huwiex it-tip ta' veġetazzjoni li tkopri s-superfiċji agrikola, iżda l-użu effettiv tal-imsemmija superfiċji għal attività agrikola tipika għall-finijiet ta' "mergħat permanenti". Konsegwentement, il-preżenza ta' pjanti għudin jew imsaġġra ma jistgħux, bħala tali, jostakolaw

il-klassifikazzjoni ta' superfiċji bħala "mergħat permanenti", sakemm tali preżenza ma tkunx tippreġudika l-użu effettiv tal-imsemmija superfiċji għal attività agrikola (sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-341/17 P, EU:C:2019:409, punt 54).

51 Għaldaqstant, billi ddeċidiet fil-punt 56 tas-sentenza appellata li l-kriterju rilevanti kien it-tip ta' veġetazzjoni preżenti fuq is-superfiċji inkwistjoni u billi sussegwentement wettqet l-eżami tagħha fir-rigward ta' dan il-kriterju, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-kunċett ta' "mergħat permanenti", kif jirriżulta mill-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004 u mill-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 796/2004. Minn dan isegwi li l-kunsiderazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 65 tas-sentenza appellata, li skontha r-Repubblika Ellenika tibqa' ma turix l-ineżattezza tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni hija żbaljata.

52 Konsegwentement, l-ewwel aggravju tar-Repubblika Ellenika għandu jiġi milqugħ. Minn dan isegwi li l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata għandu jiġi annullat, sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tar-Repubblika Ellenika dwar il-korrezzjoni b'rata fissa ta' 25 % imposta mid-deċiżjoni kontenzjuża għas-snin ta' talba 2009 sa 2011, abbażi tan-nuqqasijiet fid-definizzjoni u l-kontroll tal-mergħat permanenti.

Fuq it-tieni aggravju

53 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, ir-Repubblika Ellenika ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat id-Dokument VI/5330/97 fir-rigward tal-issodisfar tal-erba' kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni ta' rata ta' korrezzjoni ta' 25 %.

54 Peress li dan l-aggravju huwa marbut mal-korrezzjoni ta' 25 % imposta għan-nuqqasijiet fid-definizzjoni u fil-kontroll tal-mergħat permanenti u li, hekk kif jirriżulta mill-punt 52 ta' din is-sentenza, il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata għandu jiġi annullat, ma hemmx lok li jiġi eżaminat dan l-aggravju li ma jistax jagħti lok għal annullament iktar estiż tas-sentenza appellata.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

55 It-tielet aggravju jista', minkejja n-natura ftit strutturata tiegħu, jinftiehem bħala li jinqasam f'żewġ partijiet.

56 Permezz tal-ewwel parti, ir-Repubblika Ellenika ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' legalità, ta' amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, fil-punti 141 sa 162 tas-sentenza appellata, billi injorat l-argument tagħha li l-bidla fl-istatus tas-superfiċji mhux eliġibbli f'superfiċji eliġibbli abbażi tas-sena ta' talba 2009 kienet is-suġġett ta' kontrolli, b'tali mod li din il-bidla fl-istatus ma kienet iġġenerat ebda riskju għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).

57 Permezz tat-tieni parti, ir-Repubblika Ellenika ssostni, essenzjalment, li fir-rigward tal-motiv li hija qajmet insostenn tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, ibbażat fuq il-fatt li huwa żbaljat li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti fl-emendi tat-talbiet tal-2009, il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, fil-punti 158 u 162 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, ikkonfermat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li kienet estrapolat l-eżistenza ta' riskju ta' telf għall-FAEG minn każijiet iżolati.

58 Il-Kummissjoni titlob li dan l-aggravju jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

59 Fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, jeħtieġ li jitfakkar li hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li, konformement mal-Artikolu 256(1) TFUE u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat għal punti ta' dritt. Għaldaqstant, hija biss il-Qorti Ġenerali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti u kif ukoll sabiex tevalwa l-provi. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi ma tikkostitwixxix, bla ħsara għall-każ ta' żnaturament tagħhom, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, LS Cable & System vs Il-Kummissjoni, C-596/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:1025, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Issa, f'dan il-każ, bl-iskuża ta' ksur allegat tal-prinċipji ta' legalità, ta' amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża, ir-Repubblika Ellenika tillimita ruħha fir-realtà li tikkontesta l-evalwazzjoni ta' natura fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punt 149 tas-sentenza appellata, fir-rigward tal-irregolaritajiet fl-istħarriġ tal-bidliet fl-istatus tas-superfiċji mhux eliġibbli ta' superfiċji eliġibbli abbażi tas-sena ta' talba 2009.

61 Barra minn hekk, sa fejn ir-Repubblika Ellenika tilmenta li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċifri li hija kienet tat, hemm lok li jiġi kkonstatat li tali lment jikkonċerna l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali tal-eżattezza tad-data u għalhekk jirrigwarda evalwazzjoni ta' natura fattwali.

62 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

63 Fir-rigward tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, għandu jiġi osservat, preliminarjament, li għalkemm ir-Repubblika Ellenika tirreferi għall-punti 158 sa 162 tas-sentenza appellata, hija essenzjalment tillimita l-ilmenti tagħha bbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni fil-punt 159 ta' din is-sentenza.

64 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat qabel kollox li, fil-punti 149 sa 151 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-irregolaritajiet ikkonstatati mill-Kummissjoni fir-rigward tal-istatus tas-superfiċji fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula agrikoli u t-trattament ta' żbalji li kienu relatati miegħu kellhom jiġu kklassifikati bħala nuqqasijiet relatati ma' kontrolli prinċipali, konformement mal-Anness 2 tad-Dokument VI/5330/97.

65 Sussegwentement, fil-punti 152, 153 u 156 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, konformement mad-Dokument VI/5330/97, li l-applikazzjoni ta' rata ta' korrezzjoni b'rata fissa ta' 5 % kienet iġġustifikata fir-rigward tal-irregolaritajiet ikkonstatati u tal-provi prodotti għall-eżami tagħha.

66 Fil-kuntest tal-punt 159 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement irrilevat li l-insuffiċjenzi kkonstatati mill-Kummissjoni u mfakkra fil-punti 146 sa 149 tas-sentenza appellata kienu ta' natura li joħolqu suspett ta' irregolaritajiet iktar estiżi u kienu jawtorizzaw lill-Kummissjoni tiddubita l-kwalità tal-kontrolli prinċipali. Barra minn hekk, fl-imsemmi punt 159, il-Qorti Ġenerali enfasizzat ukoll li r-Repubblika Ellenika ma kinitx ipproduċiet provi ta' natura li jikkonfutaw l-imsemmija konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni. B'dan il-mod, f'dan l-istess punt 159, il-Qorti Ġenerali sempliċement implimentat ir-regoli kostanti relatati mal-oneru tal-prova fil-qasam ikkonċernat, li hija barra minn hekk fakkret fil-punti 143 sa 145 tas-sentenza appellata, li jipprovdu li dan il-piż huwa limitat, fir-rigward tal-Kummissjoni, sabiex tkun f'pożizzjoni li tipproduċi provi insostenn tad-dubju serju u raġonevoli li hija jkollha dwar l-insuffiċjenza tal-kontrolli effettwati mill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew l-irregolarità taċ-ċifri mibgħuta minnhom, filwaqt li huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu juri l-ineżattezza tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni jew l-assenza ta' riskju ta' telf jew ta' irregolarità għall-FAEG abbażi tal-applikazzjoni ta' sistema ta' kontroll affidabbli u effikaċi.

67 Minn dak li ntqal jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li tallega r-Repubblika Ellenika, minn naħa, il-Qorti Ġenerali ma kisritx il-prinċipju ta' proporzjonalità u, min-naħa l-oħra, is-sentenza appellata hija mmotivata b'mod korrett u suffiċjentement.

68 Konsegwentement, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

69 Minn dan isegwi li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

70 Permezz tar-raba' aggravju tagħha, ir-Repubblika Ellenika tikkontesta lill-Qorti Ġenerali li, fil-punti 163 sa 183 tas-sentenza appellata, ċaħdet il-motiv tagħha dwar l-ineffikaċja tal-analiżi tar-riskji għas-sena ta' talba 2010. B'mod iktar partikolari, hija tikkontesta lill-Qorti Ġenerali li kisret id-dritt tagħha ta' aċċess għal qorti minħabba formaliżmu eċċessiv tiegħu. Fil-fatt, fil-punt 181 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-Repubblika Ellenika ma kinitx sostniet suffiċjentement l-argument tagħha bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, minħabba li dan l-Istat Membru kien illimita ruħu li jsostni li l-metodu tiegħu ta' għażla każwali tal-kampjuni ta' kontroll kien konformi ma' speċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'dokument li joriġina mill-Kummissjoni, ippubblikat matul is-sena 2010, mingħajr madankollu ma tippreċiża ma' liema parti tal-imsemmija speċifikazzjonijiet hija kienet ikkonformat ruħha u mingħajr ma l-argument tagħha jkun issostanzjat b'mod li jippermetti lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-Repubblika Ellenika ssostni li billi rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-Qorti Ġenerali wettqet preġudizzju sproporzjonat għad-dritt tagħha ta' aċċess għal qorti.

71 Il-Kummissjoni titlob li dan l-aggravju jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

72 Għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 181 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, essenzjalment, li r-Repubblika Ellenika kienet ipproduċiet biss, insostenn tal-argument tagħha, dokument wieħed li joriġina minn organu nazzjonali, li huwa stess jirreferi għal speċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mhux għas-sena 2010, iżda għas-sena 2012. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li, fin-nuqqas tar-Repubblika Ellenika li tqiegħed lill-Qorti Ġenerali f'pożizzjoni li tivverifika li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mill-Kummissjoni għas-sena 2010 baqgħu identiċi għal dawk stabbiliti għas-sena 2012, u li jiġi ppreċiżat ma' liema parti tal-imsemmija speċifikazzjonijiet hija kienet konformi, dan l-argument ma kienx sostnut b'mod li jippermetti lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha u, għaldaqstant, ċaħditu abbażi ta' dan.

73 Għaldaqstant, tali evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali bbażata fuq il-fatt li l-parti li, minkejja li tibbaża ruħha fuq il-kontenut ta' att, ma pproduċitux quddiemha u għaldaqstant tipprekludiha milli tivverifika dan il-kontenut ma tagħmilx "formaliżmu eċċessiv" min-naħa ta' din il-qorti, iżda amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja b'tali mod li ma jistax jiġi validament sostnut li, b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ppreġudikat is-sustanza stess tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-parti li l-motiv tagħha ġie miċħud għal din ir-raġuni.

74 Għaldaqstant, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq il-ħames aggravju

L-argumenti tal-partijiet

75 Permezz ta' dan l-aggravju, ir-Repubblika Ellenika tilmenta li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 184 sa 198 tas-sentenza appellata, iddeċidiet li l-ewwel komunikazzjoni tal-24 ta' Novembru 2011, imsemmija fil-punt 24 ta' din is-sentenza, kienet konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 885/2006 u li, għaldaqstant, din il-komunikazzjoni kienet tissodisfa l-funzjoni tagħha ta' twissija, konformement mal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005.

76 B'mod iktar konkret, ir-Repubblika Ellenika ssostni, essenzjalment, li l-investigazzjoni dwar is-sistema ta' kundizzjonalità tikkonċerna biss is-snin ta' talba 2009 u 2010, b'tali mod li l-ewwel komunikazzjoni tal-24 ta' Novembru 2011 ma setgħetx tapplika wkoll għas-sena ta' talba 2011. Fil-fatt, fil-jum ta' din il-komunikazzjoni, ir-Repubblika Ellenika kienet fl-impossibbiltà li tirrimedja l-irregolaritajiet ikkonstatati mill-Kummissjoni u li tevita l-impożizzjoni ta' korrezzjoni supplimentari għas-sena ta' talba 2011. Billi ma siltitx il-konsegwenzi tal-impossibbiltà għar-Repubblika Ellenika li tkun tista' tieħu miżuri korrettivi għas-sena ta' talba 2011, il-Qorti Ġenerali kienet kisret l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 885/2006 u l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005, kif ukoll l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 53(6) tar-Regolament Nru 1122/2009. Fi kwalunkwe każ, is-sentenza appellata ma hijiex suffiċjentement immotivata fid-dritt.

77 Il-Kummissjoni titlob li dan l-aggravju jiġi miċħud għaliex infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

78 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) jiffinanzja b'ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Unjoni l-infiq magħmul konformement mad-dritt tal-Unjoni. Fil-kuntest ta' din il-ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni hija inkarigata li tipproċedi bl-approvazzjoni tal-konformità, konformement mal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 31(4)(a) ta' dan ir-regolament jipprevedi li rifjut tal-finanzjament ma jistax jinvolvi infiq li kienu effettwati iktar minn 24 xahar qabel ma l-Kummissjoni kienet innotifikat bil-miktub lill-Istat Membru kkonċernat bir-riżultati tal-ispezzjoni tagħha.

79 Sussegwentement, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-deċiżjoni finali u definittiva dwar il-clearance tal-kontijiet għandha tittieħed wara proċedura kontradittorja speċifika li matulha l-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu l-garanziji kollha meħtieġa sabiex jippreżenta l-perspettiva tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Jannar 1998, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-61/95, EU:C:1998:27, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

80 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 885/2006 jikkonkretizza l-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità billi jistabbilixxi d-differenti stadji tagħha u billi jistabbilixxi l-garanziji proċedurali li jippermettu lill-Istat Membru kkonċernat jippreżenta l-fehma tiegħu. Għalhekk, minn naħa, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 885/2006, il-Kummissjoni għandha, fi tmiem investigazzjoni u fil-każ li tikkunsidra li l-infiq ma kienx effettwat konformement mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni, tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha lill-Istat Membru kkonċernat u tindikalu l-miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu sabiex tkun iggarantita l-osservanza ta' dawn ir-regoli fil-futur.

81 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, meta l-irregolaritajiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja jippersistu wara d-data tal-komunikazzjoni bil-miktub tar-riżultati tal-ispezzjoni, il-Kummissjoni jkollha d-dritt u anki l-obbligu li tikkunsidra dik

is-sitwazzjoni meta tiġi biex tiddetermina l-perijodu li matulu għandha ssir il-korrezzjoni finanzjarja inkwistjoni (sentenza tad-9 ta' Jannar 2003, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-157/00, EU:C:2003:5, punt 45).

82 Barra minn hekk, konformement ma' ġurisprudenza wkoll stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-komunikazzjoni bil-miktub imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 885/2006 għandha tagħti lill-Istat Membru kkonċernat għarfien perfett tar-riżervi tal-Kummissjoni, b'tali mod li din tkun tista' taqdi l-funzjoni ta' twissija mogħtija lilha minn din id-dispożizzjoni. Minn dan isegwi li din id-dispożizzjoni teħtieġ li l-irregolarità kkontestata lill-Istat Membru kkonċernat tkun tidher b'mod suffiċjentement preċiż f'din il-komunikazzjoni bil-miktub b'tali mod li l-Istat Membru jkollu konoxxenza perfetta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-24/11 P, EU:C:2012:266, punti 27 u 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

83 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 885/2006 jobbliga lill-Kummissjoni, wara l-eventwali żamma ta' proċedura ta' konċiljazzjoni, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005, l-infiq li ma humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni "sakemm l-Istat Membru jkun effettivament implimenta l-miżuri korrettivi".

84 Mill-qari flimkien tad-dispożizzjonijiet preċedenti jirriżulta li, minn naħa, il-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità tistabbilixxi djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat u hija intiża, essenzjalment, l-ewwel nett, sabiex tippermettilhom jiskambjaw informazzjoni, it-tieni nett, li joffru lil dan l-Istat Membru l-possibbiltà li jeżerċita d-dritt ta' difiża tiegħu, it-tielet nett, sabiex dan l-Istat Membru jkun jista' juri l-ineżattezza tal-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni u, fl-aħħar nett, ir-raba' nett, sabiex dan l-Istat Membru jkun jista' jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri korrettivi implimentati bil-għan li tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli tal-Unjoni.

85 Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Istat Membru kkonċernat ma jistax jirrimedja l-irregolaritajiet ikkonstatati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni bil-miktub tagħha msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 885/2006 huwa irrilevanti, peress li dawn l-irregolaritajiet kienu koperti mill-perijodu suġġett għall-eżami tal-Kummissjoni. Fil-fatt, it-teżi kuntrarja twassal sabiex ixxejjen mis-sustanza tagħhom l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005 u l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 885/2006, billi tawtorizza li Stat Membru jkun jista' jargumenta minn allegata impossibbiltà materjali li jieħu miżuri korrettivi qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li twassal korrezzjoni finanzjarja sabiex jevita l-impożizzjoni ta' din il-korrezzjoni b'rata fissa.

86 F'dan il-każ, fil-punt 193 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett irrilevat li, fl-ewwel komunikazzjoni tal-24 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni kienet indikat li l-investigazzjoni kienet tirrigwarda s-snin ta' talba 2009 u segwenti. Għalhekk, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha tal-fatti u tal-provi, hija kkunsidrat li s-sena ta' talba 2011 kienet koperta mill-perijodu suġġett għall-eżami tal-Kummissjoni.

87 Sussegwentement, fil-punti 194 u 195 tas-sentenza appellata, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Ellenika, huwa wara evalwazzjoni eżawrjenti tal-kontenut tal-ewwel komunikazzjoni tal-24 ta' Novembru 2011 u tal-anness tagħha li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet identifikat nuqqasijiet dwar il-kundizzjonalità għas-snin ta' talba 2009 sa 2011, b'mod li hija setgħet validament tikkunsidra li l-Kummissjoni kienet identifikat b'mod suffiċjentement preċiż is-snin ta' talba kkonċernati u li r-Repubblika Ellenika kellha l-possibbiltà li ssostni l-motivi ta' difiża tagħha bi tweġiba għall-irregolaritajiet ikkonstatati għas-sena ta' talba 2011.

88 Konsegwentement, billi ddeċidiet, fil-punt 199 tas-sentenza appellata, li l-ewwel komunikazzjoni tal-24 ta' Novembru 2011 kienet konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 885/2006 u ssodisfat il-funzjoni tagħha ta' twissija fid-dawl tal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi u lanqas ma naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

89 Għaldaqstant, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

90 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li peress li l-ewwel aggravju ntlaqa', il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata għandu jiġi annullat, sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tar-Repubblika Ellenika dwar il-korrezzjoni b'rata fissa ta' 25 % imposta għan-nuqqasijiet fid-definizzjoni u l-kontroll tal-mergħat permanenti, u li l-kumplament tal-appell jiġi miċħud.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

91 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din il-qorti tista', f'każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha, jew tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

92 F'dan il-każ, hemm lok għall-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi definittivament il-kawża, li hija fi stat li tiġi deċiża.

93 Hekk kif jirriżulta mill-punt 50 ta' din is-sentenza, sabiex jiġi ddeterminat jekk is-superfiċji kkonċernata għandhiex tiġi kklassifikata bħala "mergħat permanenti", fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004 u tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 1120/2009, il-kriterju determinanti li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni ma huwiex it-tip ta' veġetazzjoni li tkopri din is-superfiċji, iżda l-użu effettiv li jsir minnha għal attività agrikola tipika ta' "mergħat permanenti".

94 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-għajnuna skont is-superfiċji għas-snin ta' talba 2009 sa 2011, il-Kummissjoni ġġustifikat, fir-rapport fil-qosor tagħha anness mad-deċiżjoni kontenzjuża, l-applikazzjoni ta' rata ta' korrezzjoni b'rata fissa ta' 25 % fir-rigward ta' numru ta' irregolaritajiet li jirrigwardaw id-definizzjoni u l-kontroll tal-mergħat permanenti, li, meħuda flimkien, ippermettewlha tikkonkludi li l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll li kellha tiggarantixxi l-eżattezza tal-infiq kellha nuqqasijiet serji u li probabbilment kienet tinvolvi telf estremament għoli għall-FAEG.

95 Sa fejn, minn naħa, il-korrezzjoni b'rata fissa ta' 25 % kienet ibbażata fuq numru ta' irregolaritajiet, li waħda minnhom hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004 u tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 1120/2009, u, min-naħa l-oħra, li din l-interpretazzjoni żbaljata seta' kellha effett fuq l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqasijiet l-oħra kkonstatati minnha, hemm lok, f'dan il-kuntest, li ssir evalwazzjoni ġdida sabiex jiġi vverifikat li din ir-rata ta' korrezzjoni tibqa' ġġustifikata.

96 Minn dan isegwi li hemm lok li l-ewwel aggravju tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali mir-Repubblika Ellenika jiġi milqugħ u, konsegwentement, li tiġi annullata d-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din timponi korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 25 % għall-għajnuna skont is-superfiċji għas-snin ta' talba 2009 sa 2011 abbażi tan-nuqqasijiet fid-definizzjoni u l-kontroll tal-mergħat permanenti.

Fuq l-ispejjeż

97 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

98 Skont l-Artikolu 138(3) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell abbażi tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament wieħed jew iktar mill-kapijiet, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

99 Peress li li r-Repubblika Ellenika u l-Kummissjoni tilfu f'waħda jew iktar mill-kapijiet tat-talba tagħhom, huma għandhom ibatu l-ispejjeż proprji tagħhom marbuta mal-proċedura tal-ewwel istanza u tal-appell.

100 Skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jkunu għamlu intervent fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

101 Ir-Renju ta' Spanja, bħala intervenjenti fl-appell, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-punti 1 u 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Frar 2018, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-506/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:53), huma annullati, minn naħa, peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tar-Repubblika Ellenika dwar il-korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 25 % imposta permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1119/UE tat-22 ta' Ġunju 2015 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), għas-snin ta' talba 2009 sa 2011, abbażi tan-nuqqasijiet fid-definizzjoni u l-kontroll tal-mergħat permanenti, u, min-naħa l-oħra, peress li ddeċidiet fuq l-ispejjeż.

2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.

3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/1119 hija annullata sa fejn din timponi fuq ir-Repubblika Ellenika korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 25 % applikata għall-għajnuna skont is-superfiċji għas-snin ta' talba 2009 sa 2011 abbażi tan-nuqqasijiet fid-definizzjoni u l-kontroll tal-mergħat permanenti.

4) Ir-Repubblika Ellenika u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom marbuta mal-proċedura tal-ewwel istanza u tal-appell.

5) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż proprji tiegħu relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-appell.

Firem